**247. L-Onor. Wenzu Mintoff jipproponi:**

Billi f'dawn il-ġranet f'waħda mill-gazzetti lokali, kif ukoll fuq il-mezzi tax-xandir, saru akkużi serji ħafna li żewġ membri tal-maġistratura jiġifieri l-Maġistrat Dennis Montebello u l-Maġistrat Carol Peralta, direttament jew permezz ta' intermedjari ivvjolaw u/jew qed jiksru xi liġijiet tal-pajjiż;

Billi l-fiduċja ta' ċittadini fl-istituzzjonijiet, partikolarment fil-każ tal-ġudikatura, tiddependi ħafna mill-imġieba korretta u mill-kredibbiltà ta' min imexxi dawn l-istituzzjonijiet. U billi fl-ebda soċjetà ċivilizzata l-liġijiet u r-regoli tagħha jiġu miksura għad-dannu taċ-ċittadin komuni min minn suppost japplikahom u jinfurzahom;

Billi huwa dmir ta' din il-Kamra li tiddetermina l-fatti dwar l-akkużi pubbliċi li saru fil-konfront tal-Maġistrat Dennis Montebello li bena xi strutturi bla permess fi Mġarr ix-Xini, Għawdex u fil-konfront tal-Maġistrat Carol Peralta li għandu ishma f'soċjetà kummerċjali li qed topera fabbrika fl-Għarb, Għawdex mingħajr liċenzji tal-Pulizija;

Għaldaqstant jekk dawn l-akkużi jiġu ppruvati, din il-Kamra għandha tirrisolvi li titlob lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika biex ineħħi lil Maġistrat Dennis Montebello u lil Maġistrat Carol Peralta mill-kariga tagħhom ta' Maġistrati minħabba imġieba ħażina ppruvata u dan skont Artiklu 100(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

20.07.1990